**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 25 ta' Jannar, 2016**

Numru 2

**Rikors Nru. 754/2015**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Small Properties Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tas-6 ta' Awwissu 2015 li jghid hekk:

Illi permezz ta' zewg kuntratti ta' self wiehed fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon datat 23 ta' Jannar 2008 (Dok. 'HSBC1') u iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar datat 20 ta' Dicembru 2007 (Dok. 'HSBC2') is-socjeta intimata saret debitrici tas-socjeta rikorrenti;

Illi wara li saru diversi pagamenti, is-socjeta intimata baqghet debitrici tas-socjeta rikorrenti u wara li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt is-socjeta rikorrenti talbet l-awtorizzazzjoni skond l-artikolu 258 tal-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata Small Properties Limited u permezz tad-digriet tat-3 ta' April 2012 fl-ismijiet sucitati (Rikors numru 114/2012AE) il-Qorti laqghet it-talba tal-Bank rikorrenti u irrendiet ezegwibbli l-kuntratti sucitati (ara Dok. HSBC3);

Illi issa regghu ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tad-digriet tat-3 ta' April 2012 u s-socjeta intimata Small Properties Limited baqghet debitrici tal-Bank u ghalhekk is-socjeta rikorrenti qieghda titlob l-awtorizzazzjoni skond l-artikolu 258 tal-istess Kodici ta' Organizzassjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tas-socjeta intimata Small Properties Limited;

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data tal-istess kuntratt u mid-digriet tat-3 ta' April 2012 u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ninn fejn jirrizulta li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament x-xorta tad-dejn ... li jkun l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata li tghid hekk:

L-esponenti jopponu t-talba tal-HSBC Bank Malta pic billi I-kuntratti tal-20 ta' Dicembru 2007 u I-iehor tat-23 ta' Jannar 2008 ma jikkostitwux titolu ezekuttiv fit-termini tal-artikolu 253 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, in kwantu I-istess kuntratti ma humiex dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq.

Fir-rikors tieghu il-bank jghid Ii saru diversi pagamenti izda ma jghidx kemm kienu. Lanqas ma jghid x'bilanc suppost li huwa dovut.

Effettivament Ia mill-kuntratti u lanqas mir-rikors ma jirrizulta kemm allegatament huwa I-bilanc dovut lill-bank. Altru Ii mill-atti d-dejn mhuwiex cert! Kif lanqas ma huwa cert kif u ghaliex huwa dovut billi ex admissis kien hemm tibdil fuq dak li hemm fil-kuntratti. Huwa ovvju Ii biex il-Qorti tista' tiggudika fuq ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-bank u I-esponenti, jehtigilha indagini u provi Ii bilfors jimplikaw process kontenzjuz u mhux semplici dikjarazzjoni fuq l-atti kif jippretendi I-bank.

L-Artikolu 253 (b) tal-Kap.12 jipprovdi li:
Huma titoli esekuttivi:
(b) il-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat Ii jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u Ii ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt.

Mill-kuntratti nnifishom ma jirrizultax xi thallas, u jekk kienx hemm ksur tal-obbligi kontrattwali msemmija fl-istess kuntratt. Dan bilfors Ii jrid jigi determinat f'gudizzju kontenzjuz.

L-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 jghid li s-sentenzi huma esegwibbli wara jumejn milli jinghataw, u mbaghad jipprovdi li:
(2) L-esekuzzjoni ta' kull titolu esekuttiv iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju.

Mill-atti ma jirrizultax li I-bank irrenda l-kuntratti ezekuttivi skond il-ligi.

Ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tar-rikors, I-esponenti topponi ruha ghat-talbiet tal-HSBC Bank Malta plc.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghall-provvediment.

**Ikkunsidrat**

Il-bank rikorrenti qed jitlob a bazi tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 illi t-titolu ezekuttiv li hu ghandu li jirrizulta minn zewg kuntratti ta' self wiehed datat 23 ta' Jannar 2008 atti Nutar Henry Saydon u l-iehor datat 20 ta' Dicembru 2007 atti Nutar Pierre Cassar jigu rezi ezegwibbli mill-gdid billi ghaddew aktar minn tlett snin minn mindu setghu jigu ezegwiti.

Jirrizulta lil Qorti illi din il-Qorti diversament preseduta gia accertat ruhha mill-fatt illi dawn il-kuntratti kienu jikkostitwixxu titoli ezekuttivi u li gew rezi ezegwibbli b'ittra ufficjali tat-18 ta' Marzu 2011 notifikata lis-socjeta intimata fl-24 ta' Marzu 2011 (ara provvediment fl-istess ismijiet rikors numru 114/2012AE moghti fit-3 ta' April 2012).

Il-Qorti taghmel referenza in materja ghal provvediment ta' din il-Qorti diversament preseduta li enuncjat il-principji legali abbinati ma' talba simili. Fil-kawza **Bank of Valletta vs Sundry Limited et** (PA 05/10/2015) intqal hekk

> L-artikolu tal-ligi li abbazi tiegħu qieghda ssir din il-procedura, cjoe l-Artikolu 258 tal-Kap. 12, jirregola l-kwistjoni fejn il-ligi taghti l-fakoltà lil min ikollu titolu ezekuttiv li jghaddilu t-terminu ta' zmien li fih setghet issir l-ezekuzzjoni tieghu, li tali titolu jista' jigi ravvivat permezz ta' din il-procedura.
>
> Illi l-ligi tqis bhala titolu ezekuttiv, fost l-ohrajn, il-kuntratti rcevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u li ma jikkonsistix f'ezekuzzjoni ta' fatt. (Ara s-sentenza fl-ismijiet **HSBC Malta plc vs Charmaine Saliba**, PA 27/09/2012).
>
> Ir-rikors li jsir abbazi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 m'ghandux l-iskop li jrendi t-titolu ezekuttiv ezegwibbli u ghalhekk mhux applikabbli f'dan il-kaz l-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12, izda ghandu biss l-iskop li l-Qorti tirravviva t-titolu ezekuttiv biex il-kreditur ikun f'pozizzjoni li jirrendih ezegwibbli mill-gdid u dan ghax ikunu ghaddew tlett snin mindu seta' jigi ezegwit.
>
> Billi jidher li ghaddew aktar minn tlett snin minn meta seta' jigi ezegwit il-kuntratt inkwistjoni, il-kreditur kellu jiftah din il-procedura li ghandha biss l-iskop li tirriavviva t-titolu ezekuttiv u konsegwentement l-ezegwibbiltà tieghu skont l-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12.

> Illi dan il-procediment ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, certament li mhuwiex intiz biex issir komputazzjoni u kanonizzazzjoni mill-gdid tal-bilanc tal-kreditu dovut lir-rikorrenti.
>
> Din il-procedura sommarja ta' verifika ghandha biss l-ghan li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex it-titolu ezekuttiv ikun jista' jerga' jsir ezegwibbli wara li jkun ghadda t-terminu ta' zmien stabbilit mil-ligi ta' tlett snin u jkun gie verifikat li ghad hemm hlas dovut, cjoe li l-obbligazzjoni tal-hlas ghadha tezisti u li ghalhekk ikun ghadu jezisti t-titolu ezekuttiv favur il-kreditur.
>
> Illi kif gie spjegat fis-sentenza deciza fit-12 ta' April 2012 fl-**ismijiet Bank of Valletta plc vs. Refco Co Ltd u Paul u Marika mizzewgin Ciantar**:
>
> "Irrispettivament x'inhu l-ammont li ghadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' procediment mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li toqghod taghmel konteggi u kkundanna lill-intimati jhallsu xi ammont. L-ezercizzju li jrid isir hu pjuttost wiehed ta' verifika li ghad hemm hlas dovut, cjoe li l-obbligazzjoni tal-hlas ghadha tezisti u li ghalhekk ikun ghadu jezisti t-titolu ezekuttiv favur il-kreditur. Ovvjament l-ezekuzzjoni ghandha ssir biss fuq il-bilanc li ghadu dovut mill-intimati".

Din il-Qorti kif preseduta gia kellha l-okkazzjoni li tenuncja l-istess principji u ssostni li l-kwistjoni quddiem il-Qorti hi biss accertament li ghad hemm debitu cert fis-sens li jirrizulta minn att notarili u ghandu l-elementi u validita legali ta' debitu li ma jikkostitwix l-ghemil ta' fatt. Hu likwidu ghax kien hlas ta' self u ghadu dovut ghax hemm bilanc mhux imhallas.

Il-provvediment fl-istess ismijiet moghti fit-3 ta' April 2012 gia stabilixxa li l-kuntratti mertu ta' din il-vertenza jikkostitwixxu titolu ezekuttiv u ghalhekk din il-Qorti strettament lanqas ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni izda l-provvediment li nghata fil-vertenza fuq citata tal-Qorti diversament preseduta tal-5 ta' Ottubru 2015 hu rilevanti ghal kaz ghax ipoggi l-kwistjoni fil-perspettiva gusta tieghu u jirrispondi ghal aggravju tal-intimat. Di fatti l-intimat fl-ebda hin ma jilmenta li ma hemmx debitu dovut. Kull ma jinsisti hu illi ma hemmx dikjarazzjoni ta' dak li ghadu dovut, indagini li hi irrilevanti ghal provvediment mitlub. Il-fatt li t-titolu jigi ravvivat ghal ezegwibilita tieghu ma jfissirx li l-bank jista' jesigi liema ammont irid u d-debitur dejjem ghandu r-rimedji disponibbli fil-ligi li fl-istadju opportun jattakka l-ammont li talvolta jista' jesigi l-bank.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad ir-risposta tas-socjeta intimata u tilqa' t-talbiet tal-bank rikorrenti u terga' tirrendi ezegwibbli l-kuntratti msemmija mill-bank rikorrenti. Spejjez a karigu tas-socjeta intimata.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur